**MINUTI**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## L-Għaxar LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 01/2024

**Data tal-laqgħa:** 3 ta' Lulju, 2024

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fil-17:30 ta' filgħaxija.

### Preżenti:

| | |
|---|---|
| Matthew Agius Zammit | ***Kunsillier*** |
| Loranna Bonnici | ***Kunsillier*** |
| Bernice Caruana | ***Kunsillier*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsillier*** |

### Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Antonia Demicoli | ***Aġent Segretarju Eżekuttiv*** |

# MINUTI

## 1.1 Introduzzjoni mill-Kunsillier Anzjan Joseph Schembri

1.1.1 Il-Kunsillier Anzjan Joseph Schembri fetaħ l-ewwel laqgħa tal-għaxar leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop.

1.1.2 Il-Kunsillier Schembri qal li hu xtaq jilqa' fil-Kunsill lit-tlett membri l-ġodda, lis-Sur Matthew Agius Zammit, lis-Sinjura Loranna Bonnici u lis-Sinjura Bernice Caruana, li kienu kandidati ġodda u ġew eletti biex jagħmlu parti mill-għaxar leġislatura.

1.1.3 Il-Kunsillier Schembri feraħ ukoll lis-Sinjura Ritienne Caruana li reġgħet ġiet eletta flimkien miegħu, biex ikomplu jaħdmu tul din il-leġislatura. Hu saħaq li din il-leġislatura għandha timxi fuq il-passi ta' qabilha, jiġifieri li tinżamm l-għaqda biex isir xogħol għaqli b'risq il-komunità ta' Ħal Kirkop.

1.1.4 Il-Kunsillier Schembri rringrazzja lis-Sindku Terence Agius, il-Kunsillier John Luke Cassar u l-Kunsillier Cody Galea għax-xogħol siewi li għamlu u għall-ħidma konġunta bħala familja.

1.1.5 Il-Kunsillier Schembri kompla jgħid li dan ma jfissirx li kulħadd ser ikun qed jaqbel f'kollox, iżda li b'diskussjoni u rieda tajba jkun hemm ftehim u x-xogħol tal-Kunsill b'risq Ħal Kirkop u r-residenti tiegħu jimxi 'l quddiem.

1.1.6 Il-Kunsillier Schembri rringrazzja wkoll lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv Antonia Demicoli tax-xogħol siewi li għamlet u talli dejjem kienet hemm biex l-operat tal-Kunsill jimxi tajjeb. Hu qal li hija kienet ser itemm il-kariga tagħha fit-12 ta' Lulju u qal li żgur li n-nuqqas tagħha ser jinħass ferm. Hu qal li Antonia dejjem kienet hemm biex żammet il-Kunsill magħqud u fejn kien ikun hemm nuqqas ta' qbil, kienet tara kif tagħmel biex jintlaħaq ftehim.

## 1.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

1.2.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw, minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

## 1.3 Ħatra tas-Sindku

1.3.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv talbet lill-Kunsillier Matthew Agius Zammit l-aċċettazzjoni tal-kariga ta' Sindku. F'dan l-istadju l-Kunsillier Matthew Agius Zammit qara l-ittra ta' aċċettazzjoni u ffirmaha fil-preżenza tal-Kunsilliera u tal-Kummissarju tal-Ġustizzja.

1.3.2 Is-Sindku Matthew Agius Zammit għadda l-ittra ta' aċċettazzjoni lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 1.4 Ħatra tal-Viċi Sindku

1.4.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv talbet lill-Kunsillier Bernice Caruana l-aċċettazzjoni tal-kariga ta' Viċi Sindku. F'dan l-istadju l-Kunsillier Bernice Caruana qrat l-ittra ta' aċċettazzjoni u ffirmatha fil-preżenza tal-Kunsilliera u tal-Kummissarju tal-Ġustizzja.

1.4.2 Il-Viċi Sindku Bernice Caruana għaddiet l-ittra ta' aċċettazzjoni lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 1.5 Għoti tal-Ġurament tal-Ħatra tas-Sindku u l-Viċi Sindku

1.5.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv talbet lill-Kummissarju tal-Ġustizzja Dr. Deborah Farrugia biex tagħti l-Ġurament tal-Ħatra lis-Sindku u l-Viċi Sindku.

1.5.2 F'dan l-istadju l-Kummissarju tal-Ġustizzja tat il-ġurament tal-ħatra lis-Sindku Matthew Agius Zammit. Huwa ħa l-ġurament skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar Gvern Lokali u l-Kostituzzjoni ta' Malta u ffirma dan il-ġurament.

1.5.3 Issa kien imiss lill-Viċi Sindku biex tingħata l-ġurament. Għaldaqstant il-Kummissarju tal-Ġustizzja tat il-ġurament tal-ħatra lill-Viċi Sindku Bernice Caruana. Hija ħadet il-ġurament skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar Gvern Lokali u l-Kostituzzjoni ta' Malta u ffirmat dan il-ġurament.

## 1.6 Diskors mis-Sindku

1.6.1 Is-Sindku Matthew Agius Zammit irringrazzja lill-Kunsilliera kollha tad-disa' leġislatura u ta merħba lill-Kunsilliera l-ġodda li ingħaqdu mal-Kunsilliera li reġgħu inagħtaw il-fiduċja u ser ikomplu jaħdmu f'din il-leġislatura.

1.6.2 Hu qal li issa l-Kunsill ser ikollu idejat ġodda u flimkien il-Kunsilliera kollha ser ikunu qed jaħdmu b'aktar determinazzjoni u aktar grinta, f'għaqda u armonija. Hu jemmen li kull persuna ser ikollu r-responsabilitajiet li jaħseb li jaqblu max-xogħol li jagħmlu.

1.6.3 Is-Sindku Matthew Agius Zammit qal li issa li r-residenti ta' Hal Kirkop kienu tawhom il-fiduċja tagħhom, il-Kunsilliera flimkien għandhom jaħdmu biex isarfu din il-fiduċja f'xogħol b'risq il-komunità.

1.6.4 Is-Sindku Matthew Agius Zammit qal li huwa s-Sindku u jrid li kull ħaġa li jkunu se jressqu l-Kunsilliera jkun jaf biha għax hu jġorr ir-responsabilita u jrid li jkun jaf kollox x'se jiġri. Jistgħu ma jaqblux imma jistgħu jaħdmu flimkien. Fl-aħħar mill-aħħar hu jrid li jaħdmu flimkien bħala tim biex jaraw Hal Kirkop aħjar.

1.6.5 Is-Sindku Matthew Agius Zammit stieden lill-Viċi Sindku Bernice Caruana biex tgħid kelmtejn tal-okkażjoni.

1.6.6 Il-Viċi Sindku Bernice Caruana qalet li hija tissekonda kull ma qal is-Sindku u lesta li jaħdmu flimkien bħala tim. Hi qalet li jidher li n-nies ħabbew dan it-tim u jridu jarawh jaħdem flimkien.

1.6.7 Is-Sindku Matthew Agius Zammit stieden lill-*Minority Leader*, il-Kunsillier Loranna Bonnici biex tagħmel diskors tal-okkażjoni.

1.6.8 Il-Kunsillier Loranna Bonnici qalet li dan mhux l-ewwel darba li qed taħdem fil-komunità iżda din id-darba fuq livell differenti. Hija qalet li tajjeb li noħorġu b'idejat ġodda biex proġetti u attivitajiet jinħadmu flimkien għall-ġid tar-residenti ta' Ħal Kirkop.

1.6.9 Il-Kunsillier Ritienne Caruana qalet li qed tieħu gost li hija parti minn dan it-tim għax qegħdin tim tajjeb b'ħafna enerġija u jidher li kulħadd lest li jaħdem flimkien.

## 1.7 Ħatra tar-responsabilitajiet tal-membri tal-Kunsill

1.7.1 Is-Sindku Matthew Agius Zammit qal li kien tkellem mal-Kunsilliera kollha rigward ir-responsabilitajiet tagħhom u għaldaqstant kien ser iressaq il-lista tar-responsabilitajiet ta' kull membru tal-Kunsill għall-approvazzjoni. Is-Sindku ressaq il-lista' ta' responsabilitajiet tal-Kunsilliera għall-għaxar leġislatura (2024 -2029), kif jidhru hawn taħt -

| | | |
|---|---|---|
| Matthew Agius Zammit<br>**Sindku** | - | L-Indafa<br>L-Ambjent<br>Proġetti<br>L-Infrastruttura<br>L-Amministrazzjoni u l-Impjegati<br>*Traffic Management* *(flimkien ma' Loranna Bonnici)*<br>Il-Finanzi *(flimkien ma' Loranna Bonnici)*<br>Applikazzjonijiet għall-Fondi Pubbliċi u Ewropej *(flimkien ma' Bernice Caruana)* |
| Bernice Caruana<br>**Viċi Sindku** | - | Il-Kultura<br>L-Innovazzjoni<br>Sports u Attivitajiet Fiżiċi *(flimkien ma' Loranna Bonnici)*<br>*Tenders*<br>Il-Ġemellaġġ *(flimkien ma' Ritienne Caruana)*<br>Applikazzjonijiet għall-Fondi Pubbliċi u Ewropej *(flimkien ma' Matthew Zammit)* |

| | | |
|---|---|---|
| Loranna Bonnici<br>**Kunsillier** | - | L-Edukazzjoni<br>Komunitajiet<br>Sports u Attivitajiet Fiżiċi *(flimkien ma' Bernice Caruana)*<br>Iż-Żgħażagħ u t-Tfal<br>*Traffic Management* *(flimkien ma' Matthew Zammit)*<br>Il-Finanzi *(flimkien ma' Matthew Zammit)* |
| Joseph Schembri<br>**Kunsillier** | - | L-Anzjani<br>Il-Ħarsien tal-Annimali<br>*Street Furniture*<br>*Soft Areas* |
| Ritienne Caruana<br>**Kunsilliera** | - | L-Integrazzjoni Soċjali<br>Il-Qasam Soċjali<br>Restawr u Wirt Kulturali<br>Il-Familja u Inklużjoni<br>Il-Ġemellaġġ *(flimkien ma' Bernice Caruana)* |

1.7.2 Kulħadd qabel ma' din il-lista' u għaldaqstant il-Kunsillier Ritienne Caruana ressqet mozzjoni biex jiġu approvati r-responsabilitajiet tal-Kunsilliera kif jidhru f'minuta 1.7.1, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Loranna Bonnici, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 1.8 Ġranet u Ħinijiet tal-laqgħat tal-Kunsill

1.8.1 Is-Sindku Matthew Agius Zammit qal li huwa importanti li jkun hemm qbil fuq il-ħinijiet tal-laqgħa tal-Kunsill u dejjem naraw li l-laqgħat isiru meta jkun jista' kulħadd.

1.8.2 Apparti hekk is-Sindku qal li hemm bżonn li nikkontrollaw il-ħin tal-laqgħa u nippruvaw naħdmu biex il-laqgħat ma jaqbżux it-tlett siegħat.

1.8.3 Il-Kunsilliera ddiskutew il-ġranet u l-ħinijiet li kienu tajbin għalihom u ġie deċiż li l-laqgħat isiru mit-Tnejn sal-Ġimgħa u jibdew wara l-17:00hrs. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 1.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

1.9.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

1.9.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 17 ta' Lulju, 2024 fil-17:00hrs.

1.9.3 Il-laqgħa ntemmet fis-19:05hrs.

Matthew Agius Zammit
***Sindku***

Maria Briffa Callus
***Deputat Segretarju Eżekuttiv***
*(fl-assenza ta' Antonia Demicoli)*

**Data:** 17 ta' Lulju, 2024

Kunsill Lokali
ĦAL KIRKOP

**Mozzjoni Ref:** 001/24/10

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati r-responsabilitajiet tal-Kunsilliera skont kif imniżżel f'minuta 1.7

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Bernice Caruana | Loranna Bonnici |

*Waslet għand l-Aġent Segretarju Eżekuttiv*

**Data:** 3 ta' Lulju, 2024

Antonia Demicoli
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**